MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2049/2003

**Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta "Antoine Auto Dealer"**

**vs**

**Rose Marie Scicluna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlieta u disghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm1093.12) rappreżentanti l-valur ta' dsatax-il (19) kambjala dovuti u skaduti in rigward tal-vettura "Peugeot" Reg.No.KAB-609 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta, ghalkemm dehret u kien hemm possibilita` ta' transazzjoni li pero` baqghet ma sehhitx.**

**Semgha x-xhieda ta' Mariolina Schembri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, cioe` d-dsatax-il kambjala originali Dok.MS1 sa MS19, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi mill-provi mismugha jirrizulta illi l-ammont mitlub huwa dovut, u dan in kwantu il-kambjali in kwistjoni skadew u ma thallsux u skadew fis-segwenti dati: 20 ta' Dicembru, 2001, 20 ta' Jannar, 2002, 20 ta' Frar, 2002, 20 ta' Marzu, 2002, 20 ta' April, 2002, 20 ta' Mejju, 2002, 20 ta' Gunju, 2002, 20 ta' Lulju, 2002, 20 ta' Awissu, 2002, 20 ta' Settembru, 2002, 20 ta' Ottubru, 2002, 20 ta' Novembru, 2002, 20 ta' Dicembru, 2002 u 20 ta' Jannar, 2003, 20 ta' Frar, 2003, 20 ta' Marzu, 2003, 20 ta' April, 2003, 20 ta' Mejju, 2003 u 20 ta' Gunju, 2003.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' elf u tlieta u disghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm1093.12) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------